


# Żur is-sit elettronikuweb tanl-NĠE

**www.ejn-crimjust.europa.eu**
Is-sit elettronikuweb tanl-NĠE huwa punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Jipprovdi wkoll sett ta' għodod estensiv għall-prattikanti, inkluż:

- **Atlas**
  biex issib awtorità kompetenti li lilha tista' tindirizza talba;
- **Compendium**
  biex tabbozza talba online;
- **Fiches Belges**
  biex issib informazzjoni legali u prattika bażika dwar miżuri proċedurali u investigattivi f'kull Stat Membru tal-UE;
- **Judicial Library**
  biex issib informazzjoni komprensiva dwar l-istrumenti legali tal-UE u dawk internazzjonali.

EUROPEAN JUDICIAL NETWORK
Connecting Justice

**Segretarjat tanl-NĠE**
Johan de Wittlaan 9 · 2517 JR The Hague
In-Netherlands · Fax: +31 (0) 70 412 5570
Email: ejn@eurojust.europa.eu

# NĠE

## In-Network Ġudizzjarju Ewropew

**Kooperazzjoni ĠudizzjarjaNikkollegaw il-Ġustizzja**

EUROPEAN JUDICIAL NETWORK
Connecting Justice

www.ejn-crimjust.europa.eu

# X'inhu l-NĠE?



L-NĠE huwa network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali — prosekuturi, imħallfin, rappreżentanti tal-ministeri tal-ġustizzja, u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi — li l-kompitu ewlieni tagħhom huwa li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali.

Il-Punti ta' Kuntatt tal-NĠE, li ilhom joperaw mill-1998, huma rikonoxxuti bħala ċentru essenzjali li jiffaċilitaw l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, peress li l-għadd ta' każijiet irreġistrati matul il-perijodu bejn l-2010 u l-2020 qabeż id-90 000.

L-amministrazzjoni, il-funzjonament u l-kontinwità tal-NĠE huma żgurati mis-Segretarjat tal-NĠE.

# Staqsi lill-NĠE biex jgħinek:

- tidentifika u tistabbilixxi kuntatti diretti mal-awtorità lokali kompetenti fi Stat Membru ieħor biex tibgħatilha talba;
- issib id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet fl-UE kollha u fid-dinja kollha;
- tikkomunika ma' kontropartijiet barranin għal parir legali dwar l-approċċ korrett għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali;
- tikseb informazzjoni legali u prattika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja;
- tistudja l-informazzjoni l-aktar komprensiva rigward l-istrumenti legali tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluża l-każistika.

# L-NĠE u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni

- Il-punti ta' Kuntatt tal-NĠE jidentifikaw u jistabbilixxu kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet fl-UE kollha u jipprovdu informazzjoni legali u prattika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja.
- L-NĠE jippermetti lill-prattikanti jagħmlu kuntatt mal-kontropartijiet tagħhom fid-dinja kollha.
- L-NĠE jżomm konnessjonijiet siguri tat-telekomunikazzjoni biex jappoġġa l-ħidma operazzjonali tal-Punti ta' Kuntatt.
- L-NĠE jippreżenta forum għad-diskussjoni ta' problemi prattiċi u legali li jinqalgħu fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja:
  - *biex tittejjeb l-applikazzjoni prattika tal-istrumenti legali*
  - *biex tinbena fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri*
  - *biex tintbagħat l-opinjoni tal-prattikanti lill-istituzzjonijiet responsabbli tal-UE.*



# L-NĠE u n-networking tal-esperti



- l-NĠE jorganizza ħames laqgħat fil-livell tal-UE kull sena, li jippermettu lill-prattikanti jsiru jafu lil xulxin, jistabbilixxu relazzjonijiet professjonali u jindirizzaw talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja fuq il-post.
- l-NĠE jiffaċilita approċċi komuni għall-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn ir-rappreżentanti ta' sistemi legali differenti.
- l-NĠE jipprovdi appoġġ finanzjarju u organizzattiv għal-laqgħat reġjonali u nazzjonali tal-NĠE.



# InL-NĠE u t-twessigħ tal-għarfien

- l-NĠE jorganizza:
  - *sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-lingwi, inklużi suġġetti sostantivi dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja*
  - *workshops għall-prattikanti dwar l-applikazzjoni prattika tal-istrumenti legali.*
- l-NĠE jipprovdi aċċess pubbliku għal katalogu eżawrjenti ta' strumenti legali tal-UE, il-każistika rilevanti u informazzjoni ta' appoġġ.